Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,801, 4 ta' Ġunju, 1999
Taqsima B

A.L. 92 ta' l-1999

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-PULIZIJA (KAP. 128)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali." Titolu u bidu fis-seħħ.

G.N. 846 ta' l-1949.

2. Fil-Lokalità B fit-Tabella A fit-Taqsima II ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-partita "Triq Putirjal." fir-Rabat, Għawdex, għandu jidħol dan li ġej: Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

"Triq Putirjal;
Pjazza J.F. Kennedy;
Triq Fortunato Mizzi;
Triq Sir Adrian Dingli.".